12 ta' Jannar, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Ludgarda Farrugia *versus* Dolores Grech

**Kwerela — Appell — Spejjeż.**

*Il-kwerelant jista' jagħmel appell f'ċerti każi biss. L-aggravju fuq l-ispejjeż ma hux wieħed minn dawn il-każi. U għalhekk, meta l-meritu tal-kawża ma hux appellabili għall-kwerelant, dan ma jistax jappella mill-kap ta' l-ispejjeż "sic et simpliciter".*

Fuq kwerela ta' l-imsemmija Farrugia, Grech ġiet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex tirrispondi għal inġurja;

Dik il-Qorti, b'sentenza tas-7 ta' Novembru 1947, sabitha ħatja, u kkundannatha għall-ammenda ta' 2s. 6d., iżda akkollat l-ispejjeż kollha fuq il-kwerelanti;

Din ta' l-aħħar issa appellat, limitatament għall-kap ta' l-ispejjeż;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Skond il-liġi, il-kwerelant jista' jappella biss f'ċerti każijiet. L-aggravju fuq l-ispejjeż "sic et simpliciter" ma hux wieħed minn dawn il-każijiet. L-inċidenza tal-kap ta' l-ispejjeż tista' tiġi biss kunsidrata u, jekk ikun il-każ, riveduta, meta jkun appellabili l-meritu, għaliex allura tkun tifforma parti mill-meritu stess. Imma l-meritu ma hux appellabili għal kwerelant, u dan ma jistax jagħmel appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż; għaliex, kif intqal, ma hux wieħed mill-każijiet ta' appell tal-kwerelant skond il-liġi;

Għalhekk hu irritu u null, u bħala tali respint;

L-ispejjeż jitħallsu mill-appellanti. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-15 ta' Diċembru 1947, u 8s. għal dik tal-lum.